KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 25 *ad hoc*** **IS-SITT KUNSILL**

Il-hamsa u ghoxrin seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **it-Tlieta 30 ta' Novembru, 2010** fil-5.37 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Nikki Dimech ***(6.45),*** Julian Galea, Nicolai Gauci, Patrick Pace.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 25 ad hoc**

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

Il-Kunsill iltaqa' biex jiddiskuti attivita ghal Milied, l-aggudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet mitluba b'konnessjoni ma' din l-attivita u l-hrug ta' sejhiet ghal kwotazzjonijiet marbuta ma' servizzi ohra b'konnessjoni mal-attivita ghal Milied.

**25.1.1** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera preżenti li l-attivita organizzata mill-Kunsill fix-Xatt f'Tas-Sliema ghal zmien il-Milied kienet se ssir bejn is-17 u d-19 ta' Diċembru 2010.

**25.1.1.1** Is-Sindku talbet ghal ghajnuna fl-iffomular tal-programm ghal dawn it-tlett ijiem ta' attivitajiet.

| | |
|---|---|
| 25.1.2 | Il-Kunsillier M. Debono staqsa x'tip ta' affarijiet se jinbiegħu fil-villagg tal-Milied minħabba li kien hemm ħwienet oħra fil-viċinanzi. |
| 25.1.2.1 | Is-Sindku qalet li l-villagg tal-Milied ma kienx se jaffettwa lil tal-hwienet u dan ghaliex il-villagg tal-Miled kien se jintrama fuq il-*promenade* tax-Xatt u ghalhekk kien se jirrispetta l-provedimenti tal-ligi. |
| 25.1.3 | Saret diskussjoni dwar il-programm ta' attivitajiet u gie deċiż li l-programm ghandu jibda u jintemm kif gej:<br>Il-Ġimgħa 17 ta' Dicembru bejn fis-6 ta' filghaxija u l-10 ta' filghaxija<br>Is-Sibt 18 ta' Dicembru bejn l-10 ta' filghodu u l-10 ta' filghaxija<br>Il-Ħadd 19 ta' Dicembru bejn l-10 ta' filghodu u l-10 ta' filghaxija |
| 25.1.4 | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-attivita ghal Milied kienet se tkun parzjlament iffinanzjata mis-Segretarjat ghal Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika u mis-Segretarjat ghat-Turizmu, Ambjent u Kultura. Dan ghaliex l-applikazjoni tal-Kunsill Tas-Sliema ghal finanzjament ta' din l-attivita permezz ta' Memo 95/2010 mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali kienet giet milqugha. Is-Sindku qalet li permezz ta' din l-applikazzjoni l-Kunsill kien se jinghata madwar Eur5,000 għal din l-attivita filwaqt li l-kumplament tal-ispiza għall-organizzazzjoni tal-attivita ghal Milied ghanda tithallas mill-Kunsill. |
| 25.1.5 | Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill ghandu jghaddi minnufih ghall-aggudikazzjoni tad-diversi sejhiet ghall-kwotazzjonijiet ghal servizzi varji biex tkun tista' tittella' l-attivita tal-Milied. |

***SLC/Q/473/2010/06 - PA System***

| | |
|---|---|
| 25.1.6 | Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kunsill zewg kwotazzjonijiet għal PA System għal mużika fit-toroq u ghal messagg ta' awguri mill-Kunsill ghaz-zmien tal-festi. ***"DOK A1" u "DOK A2" annessi mal-minuti.*** |

| | |
|---|---|
| ***25.1.6.1*** | Saret diskussjoni dwar iz-zewg kwotazzjonijiet fejn il-Kunsill ikkunsidra l-esperjenza kif ukoll il-prezz tal-offerenti. |
| ***25.1.6.2*** | Is-Sindku pproponiet li s-servizz jinxtara minghand il-kumpanija *Transient Sound and Light Ltd* minhabba li dawn ghandhom iktar esprejenza f'dan ix-xoghol u minhabba li l-Kunsill diga hadem ma' din il-kumpanija. Il-Kunsillier J. Galea ssekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri, M. Debono, N. Gauci, P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina u S. Camilleri astejnew. |
| ***25.1.6.3*** | Il-mozzjoni ghaddiet bi tmien (8) voti favur. |

***SLC/Q/583/2010/01 - Provision, installation and Dismantling of stage***

| | |
|---|---|
| 25.1.7 | Ġew ippreżentati zewg kwotazzjonijiet. ***"DOK B1" u "DOK B2" annessi mal-minuti.*** |
| ***25.1.7.1*** | Saret diskussjoni dwar iz-zewg kwotazzjonijiet fejn il-Kunsill ikkunsidra l-esperjenza kif ukoll il-prezz tal-offerenti. |
| ***25.1.7.2*** | Is-Sindku pproponiet li s-servizz jinxtara minghand il-kumpanija *Light and Sound Vision* minhabba li meta komparat mas-Socjeta Filarmonika Stella Maris il-prezz huwa iktar vantaggjuz. Il-Viċi Sindku C. Engerer issekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea, N. Gauci, P. Pace ivvotaw favur. Il-kunsilliera M. Aquilina u S. Camilleri astejnew. |
| ***25.1.7.3*** | Il-mozzjoni ghaddiet bi tmien (8) voti favur. |

***SLC/Q/583/2010/02 - Provision of Sound and Lighting Equipment***

| | |
|---|---|
| 25.1.8 | Ġew ippreżentati tlett kwotazzjonijiet. ***"DOK C1", "DOK C2" u "DOK C3" annessi mal-minuti.*** |
| ***25.1.8.1*** | Saret diskussjoni fejn il-Kunsill ikkunsidra l-esperjenza kif ukoll il-prezz tal-offerenti. |
| ***25.1.8.2*** | Is-Sindku pproponiet li s-servizz jinxtara minghand il-kumpanija *Light and Sound Vision* minhabba li l-prezz huwa iktar vantaggjuz. Il-Kunsillier Y. Cali ssekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea, N. Gauci, P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina astejniet. |
| ***25.1.8.3*** | Il-mozzjoni ghaddiet b'disa' (9) voti favur. |

***SLC/Q/583/2010/04 - Four Marching Bands***

25.1.9 Ġew ippreżentati hames kwotazzjonijiet. ***"DOK D1" sa "DOK D5" annessi mal-minuti.***

***25.1.9.1*** ***Il-kunsilliera M. Aquilina ġiet skużata mis-seduta fis-6.20 ta' filghaxija***

***25.1.9.2*** Saret diskussjoni fejn gie nnutat li l-baned tal-parroċċi f'daqqa kienu se jigu jiswew mas-Eur7,000. Il-Kunsill unanimament ma qabilx li tithalla wahda mill-baned tal-parrocci fil-programm tal-attivita tal-Milied.

***25.1.9.3*** Il-Kunsilliera preżenti talbu kjarifika mill-kumpanija *Leon Promotions* dwar il-kwotazzjoni mitfugha minnu.

***25.1.9.4*** ***Il-laqgħa twaqqfet mill-procedimenti taghha fis-6.28 ta' filghaxija biex il-Vici Sindku jkun jista jcempel lir-rappreżentant tal-kumpanija Leon Promotions.***

***25.1.9.5*** ***Il-Kunsilliera M. Aquilina daħlet lura għas-seduta fis-6.30 ta' filghaxija***

***25.1.9.6*** Il-Vici Sindku spjega lill-Kunsilliera prezenti li l-kwotazzjoni tal-kumpanija *Leon Promotions* kienet tinkludi zewg stilt walkers kif ukoll Santa Clause f'karozzin jakkumpunja lil kull banda. Spjega wkoll li l-bandisti kienu se jkunu kollha lebsin kostumi tradizzjonali tal-Milied.

***25.1.9.7*** Is-Sindku pproponit li minhabba li l-Kunsill ma qabilx li ghandhom jithallew baned tal-lokalita u minhabba li l-kumpanija *Leon Promotions* offriet prezz iktar vantaggjuz, li kien jinkludi wkoll l-istilt walkers u s-Santa Clause f'karozzin, is-servizz ghandu jinxtara mill-kumpanija *Leon Promotions.* Il-Kunsilliera S. Camilleri ssekondat. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Y. Cali, E. Cuschieri, J. Galea, N. Gauci, P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina u M. Debono astejnew.

***25.1.9.8*** Il-mozzjoni ghaddiet bi tmien (8) voti favur.

***25.1.9.9*** Giet diskussa r-rotta minn fejn se tgħaddi l-banda. Il-Kunsill qabel li din ghanda titlaq mill-ponta ta' Tigne ghax-Xatt, Triq Manwel Dimech, Triq it-Torri, Triq Bisazza u Pjazza Sant'Anna. Is-servizz tal-banda għandu jintiza il-Ġimgħa fis-6 ta' filghaxija, is-Sibt bejn il-11 ta' filghodu u s-1 ta' wara nofsinhar, u bejn l-4 ta' wara nofisnhar u s-6 ta' filghaxija u l-Ħadd f'nofsinhar.

25.1.10 ***Daħal il-kunsillier N. Dimech għas-seduta fis-6.45 ta' filghaxija.***

| | |
|---|---|
| **25.1.11** | Is-Sindku pproponiet li bhala parti mill-programm ta' attivitajiet ghandu jittella d-dramm bl-isem ta' "7 Vices and 7 Graces" mis-Salеżjani s-Sibt 18 ta' Dicembru bejn is-1.30 u s-2 ta' wara nofsinhar. |
| ***25.1.11.1*** | Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill ma kienx se jidhol fi spejjez biex jittella dan id-dramm. |
| ***25.1.11.2*** | Il-Kunsill qabel unanimament favur din il-proposta. |
| **25.1.12** | Il-Kunsillier M Debono ppropona li ghanda tittella' mima bl-isem ta' "Maranatha". Il-Kunsillier Debono qal li l-Kunsill ma kienx se jidhol fi spejjez biex tittella din il-mima. |
| ***25.1.12.1*** | Is-Sindku pproponiet li l-mima tittella l-Hadd 19 ta' Dicembru fis-6 ta' filghaxija.. |
| ***25.1.12.2*** | Il-Kunsill qabel unanimament favur din il-proposta. |

***SLC/Q/583/2010/05 - Concert Organiser***

| | |
|---|---|
| **25.1.13** | Ġew ippreżentati zewg kwotazzjonijiet. ***"DOK E1"u "DOK E2" annessi mal-minuti.*** |
| ***25.1.13.1*** | Saret diskussjoni fejn il-Kunsill ikkunsidra l-varjeta tal-kantanti li kienu qed joffru l-offerenti, l-esperjenza taghhom f'dan ix-xoghol kif ukoll il-prezz tal-kwotazzjonijiet mitfugha. |
| ***25.1.13.2*** | Gie innutat li s-Sur Frederick Zammit ta' prezz wiehed ghall-hames kuncerti li kien jaqbez dak permess mil-ligi ghas-sejhiet ghall-kwotazzjonijiet. |
| ***25.1.13.3*** | Il-Kunsilliera preżenti talbu kjarifika dwar il-kwotazzjoni mitfugha minnu. |
| ***25.1.13.4*** | ***Il-laqgħa twaqqfet mill-procedimenti taghha fis-6.56 ta' filghaxija biex il-Vici Sindku jkun jista jcempel lis-Sur Frederick Zammit.*** |
| ***25.1.13.5*** | Il-Vici Sindku spjega lill-Kunsilliera prezenti li s-Sur Zammit accertah li kull kuncert jiswa madwar Eur2,000 eskluz il-VAT. |
| ***25.1.13.6*** | Is-Sur Zammit ghandu jintalab jibghat korrispondenza fejn jaccerta il-prezz ghaz-zewg kuncerti. |
| ***25.1.13.7*** | Is-Sindku pproponiet li s-servizz jinxtara minghand is-Sur Frederick Zammit u li jintaghzlu l-kuncerti li jgibu l-isem "Milied Malti" u "Christmas Angels" jekk is-Sur Zammit jibghat korrispondenza fejn jaccerta x'se jkunu l-ispejjez involuti fl-organizzazzjoni taz-zewg kuncerti. Is-Sindku pproponiet li jekk il-prezz taz-zewg |

kuncerti ma jaqbisx l-Eur4,658 l-amministrazzjoni tinforma minnufih lis-Sur Zammit li s-servizz tieghu qed jigi approvat mill-Kunsill u dan minhabba li z-zmien kien diehel sew ghall-attivita. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera Y.Cali, E. Cuschieri, N. Gauci, J. Galea u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina u N. Dimech ivvutaw kontra u l-Kunsilliera M. Debono u S. Camilleri astjenew.

*25.1.13.8* Il-mozzjoni ghaddiet b'seba' (7) voti favur.

*25.1.13.9* Kien hemm qbil li l-kunċerti jsiru s-Sibt u l-Ħadd fis-7 ta' filghaxija.

***SLC/Q/583/2010/07 – Service of various games for children***

25.1.14 Ġiet ippreżentata kwotazzjoni wahda. ***"DOK F1" anness mal-minuti.***

*25.1.14.1* Saret diskussjoni. Is-Sindku pproponiet li ghalkemm il-Kunsill jaccetta li jkun hemm loghob ghat-tfal waqt l-attivita tal-Milied, il-Kunsill ma jidholx responsabbli tal-hlasijiet jew ghal generator jew security kif mitlub mill-kumpanija offerenti *Leon Promotions.* Il-Kunsillier P. Pace ssekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera S. Camilleri, Y. Cali, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea u N. Gauci ivvotaw favur. Il-kunsilliera M. Aquilina u N. Dimech astjenew.

*25.1.14.2* Il-mozzjoni ghaddiet b'disa' (9) voti favur.

***SLC/Q/583/2010/06 – Service of Entertainers and Animators***

25.1.15 Ġiet ippreżentata kwotazzjoni waħda. ***"DOK G1" anness mal-minuti.***

25.1.15.1 Is-Sindku J. Gonzi pproponiet li jinxtara s-servizz minghand il-kumpanija offerenti *Leon Promotions.* Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill ghandu jaghzel l-entertainers mil-lista provduta u li l-ispiza ghal dan is-servizz ma taccedix l-Eur1,000 ghal tlett (3) ijiem. Il-Kunsillier P. Pace issekonda.

*25.1.15.2* ***Il-Kunsilliera N. Dimech u N. Gauci ħarġu mis-seduta fis-7.20 ta' filghaxija qabel ma ttiehed il-vot dwar is-sejha ghall-kwotazzjoni SLC/Q/583/2010/06***

25.1.15.3 Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Y.Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono u J. Galea ivvutaw favur. Il-kunsilliera M. Aquilina astjeniet.

25.1.15.4 Il-mozzjoni ghaddiet bi tmien (8) voti favur.

***SLC/Q/583/2010/03 - Provision, Delivery, Erection and Dismantling of Log Cabins***

25.1.16 Ġiet ippreżentata kwotazzjoni waħda. ***"DOK H1" anness mal-minuti.***

25.1.16.1 Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill unanimament iddeċieda li minħabba li l-offerta ma tilħaqx il-kriterji mitluba din is-sejha ghal kotazzjonijiet għandha terġa tinħareġ mill-ġdid. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsillier M. Aquilina astjeniet.

25.1.16.2 Il-mozzjoni ghaddiet bi tmien (8) voti favur.

25.1.17 ***Il-kunsillier N. Gauci daħal lura għas-seduta fis-7.30 ta' filghaxija***

25.1.18 Il-Kunsillier M. Debono ppropona li tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet ghal erba' *mobile public conveniences* li ghandhom jitpoggew f'kull tarf tal-*log cabins* ix-Xatt. Il-Vici Sindku ssekondat. Il-Kunsill qabel unanimament favur il-mozzjoni.

25.1.18.1 Saret diskussjoni fejn gie deciz li l-provditur ghandu joffri servizz komplut inkluz ta' tindif tal-istess *mobile public conveniences.*

***SLC/Q/583/2010/10 - Design of an Advert***

25.1.19 Ġiet ippreżentata kwotazzjoni waħda. ***"DOK I1" anness mal-minuti.***

25.1.19.1 Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament qabel li ghandu jitkellem mal-offerent SM Design biex jara disinji li diga ssottometta ghal progetti ohra, kif ukoll l-offerent ghandu jkun mistoqsi meta jista' jghaddi d-disinn finalizzat lill-Kunsill biex ikun jista jigi ppubblikat fil-gazetti lokali kif ukoll fuq flyers li ghandhom jintbaghtu lil-lukandi u lill-hwienet. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace ivvutaw favur. Il-Kunsillier M. Aquilina astjeniet.

| | |
|---|---|
| *25.1.19.2* | Il-mozzjoni ghaddiet bi tmien (9) voti favur. |

***SLC/Q/583/2010/08 - Provision of a Snow and /or a Bubble Machine***

| | |
|---|---|
| 25.1.20 | Ġew ippreżentati tlett (3) kwotazzjonijiet. ***"DOK J1"sa "DOK J3" anness mal-minuti.*** |
| *25.1.20.1* | Saret diskussjoni fejn il-Kunsill ikkunsidra l-esperjenza kif ukoll il-prezz tal-offerenti. |
| *25.1.20.2* | Is-Sindku pproponiet li s-servizz jinxtara minghand il-kumpanija *Leon Promotions* ghaliex il-prezz huwa iktar vabtagjuz minn dak tal-offerenti l-ohra. Kien propost ukoll li s-servizz tas-*snow machine* jinxtara ghal tlett (3) sieghat kuljum ghal total globali ta' Eur180. Il-Kunsillier Y. Cali ssekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur. Il-kunsilliera M. Aquilina astjeniet. |
| *25.1.20.3* | Il-mozzjoni ghaddiet b'disa' (9) voti favur. |

| | |
|---|---|
| 25.1.21 | ***Il-Kunsilliera P. Pace u N. Gauci ħarġu mis-seduta fit-7.40 ta' filghaxija.*** |

***SLC/Q/583/2010/09 - Christmas Flower Pots***

| | |
|---|---|
| 25.1.22 | Ġew ippreżentati zewg (2) kwotazzjonijiet (***"DOK K1"u "DOK K2" anness mal-minuti***) flimkien ma' *samples* tal-pjanti. |
| *25.1.22.1* | Saret diskussjoni fejn il-Kunsill ikkunsidra l-esperjenza, id-dehra tal-pjanti prezentati kif ukoll il-prezz tal-offerenti. Il-Kunsill innota wkoll li l-kwotazzjoni mitfugha minn Joshua Turnkey Contractors kienet taqbez l-ammont permess mir-regolamenti finanzjarji tal-kunsilli lokali |
| *25.1.22.2* | Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel b'seba (7) voti favur li s-servizz jinxtara minghand is-Sinjura Doris Micallef u li b'kollox ghandhom jinxtraw 300 pjanta biex jintramaw erba' strutturi tal-hadid b'dawn il-pjanti. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera Y. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono u J. Galea ivvutaw favur. Il-kunsilliera M. Aquilina astjeniet. |

**25.1.22.3** Il-Kunsill qabel ukoll li l-*high up* għandu jkun mikri mill-Kunsill u s-siġar ghandhom jitpoġġew wahda x-Xatt, ohra Triq Manwel Dimech (fejn l-għassa), ohra ma' Triq Isourad u ohra hdejn il-monument ta' Johnny Navarro.

**25.1.23** ***Daħlu lura għas-seduta l-Kunsilliera N. Gauci u P. Pace fit-7.53 ta' filghaxija.***

**Il-laqgħa twaqqfet mill-procedimenti taghha fit-7.53 ta' filghaxija biex jitkellem Dr Farrugia dwar l-iżvilupp ta' Villa Degiorgio.**

**Is-Seduta tkompliet fit-7.59 ta' filghaxija.**

**25.1.24** Fuq proposta tas-Sindku, l-Kunsill unanimament iddeċieda li l-Kunsill għandu joggezzjona ghal dan l-izvilupp u li l-Kunsiller M. Debono għandu jibghat korrispondenza biex joggezzjona ghal dan l-izvilupp. Il-Viċi Sindku ssekonda.

**Il-laqgħa twaqqfet mill-procedimenti taghha fit-8 ta' filghaxija biex jitkellem is-Sur Peter Paul Galea, resident, dwar proposta ghall-immaniggjar tat-traffiku ahjar minhabba t-tower crane li hemm fi Triq il-Kullegg l-Antik.**

**Is-Seduta tkompliet fit-8.05 ta' filghaxija.**

**25.1.25** Il-Kunsill unanimament qabel li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat *site plan* lil perit tal-Kunsill bil-proposta tas-Sur Galea ghall-kummenti tieghu.

**Il-laqgħa twaqqfet mill-procedimenti taghha fit-8.06 ta' filghaxija biex titkellem is-Sinjura Grace Borg, dwar proposta ghal timed parking bays temporanji ghal zmien il-Milied fil-parti t'isfel ta' Triq Manwel Dimech.**

**Is-Seduta tkompliet fit-8.28 ta' filghaxija.**

25.1.26 Wara li sema' l-proposta tas-Sinjura Grace Borg il-Kunsill qabel li għandu jikteb lit-Transport Malta biex l-ewwel parking bays li hemm fi Triq Manwel Dimech jiġu indikati bħala *timed parking zone.*

25.1.27 Il-Kunsill qabel li għandha toħroġ sejħa għal kwotazzjonijiet għal pompa tal-funtana li tinsab ix-Xatt.

25.1.28 ***Il-Kunsillier S. Camilleri ħarġet mis-seduta fit-8.32 ta' filghaxija***

25.1.29 ***Il-Kunsillier M. Aquilina ħarġet mis-seduta fid-8.43 ta' filghaxija***

25.1.30 Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Ezekuttiv ghandha tikteb lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali biex tivverifika jekk il-Kunsill hux permess li minflok issir ikla tal-Milied ghall-Kunsilliera u l-haddiema, il-flus jinghataw lill-għaqdiet volontarji fil-lokalita.

**Is-seduta ġiet aġġornata għal 15 ta' Diċembru 2010 fil-5.30 ta' filghaxija.**
**Is-seduta ntemmet fid-8.47 ta' filghaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Ezekuttiv**

Minuti approvati llum ....29.... Marzu.... ta' ...................... 2011.
(jum) (data) (xahar)